MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 436/2003

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Valerie Muscat**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef erbgha mija u tlieta u hamsin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm3453.26) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 21453201 (skond kif jirrizulta mill-'statement" Dok A) liema servizz gie stallat Triq il-Buskett, Rabat – Malta u dana skond ma kif jidher mill-kopja ta' ftehim annessa u markata Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra interpellatorja datata 27 ta' Gunju 2002, u tat-taxxa fuq id-drittijiet

professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi a fol 2 u fol 3 tal-atti kif ukoll dak verbalizzat a fol 10, fol 12 u fol 13 tal-istess atti;

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx fil-21 ta' Gunju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3453.26,0 bl-imghax legali mit-tleita (3) ta' Settembru 2003 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-27 ta' Gunju 2002 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------